Nru./No. 21,259
Prezz/Price
€118.53

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024
Friday, 7th June, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Gvern ..... 13,841 - 16,469
Notices ..... *13,841 - 16,469*

Avviżi tal-Qorti ..... 16,469 - 16,470
Court Notices ..... *16,469 - 16,470*

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467), u skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) tal-artikolu 48 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354) qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala skeda li tinsab ma' dan l-avviż, lista li turi n-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li ġew stampati, in-numru mqassam skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 46, in-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-persuni li talbu l-kunsinna tad-dokumenti skont is-subartikolu (6) tal-artikolu 46, in-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni maħruġin skont l-artikolu 47 u n-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-persuni li lilhom dawk id-dokumenti ġew kunsinnati, in-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li nżammu milli jingħataw u r-raġunijiet għal dan u n-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-eletturi konċernati, u n-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li baqgħu ma ngħabrux u n-numru tal-karta tal-identità, l-isem u l-indirizz tal-eletturi konċernati.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-7 ta' Ġunju, 2024

SKEDA

Numru ta' Dokumenti għall-Votazzjoni Stampati

Ordinarji	370,313
Speċjali	187

Numru ta' Dokumenti għall-Votazzjoni mqassma mill-Pulizija:

284,339

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in accordance with the provisions of subarticle (5) of article 48 of the General Elections Act (Cap. 354) there is hereby published as a schedule to this notice a list indicating the number of voting documents printed, the number distributed in terms of subarticle (1) of article 46, the identity card number, name and address of the persons who to date have claimed delivery thereof in terms of subarticle (6) of article 46, the number of voting documents issued in terms of article 47 and the identity card number, name and address of the persons to whom such documents have been delivered, the number and reasons for voting documents withheld and the identity card number, name and address of the voters concerned, and the number of voting documents which remained uncollected and the identity card number, name and address of the voters concerned.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

7th June, 2024

SCHEDULE

Number of Voting Documents Printed

Ordinary	370,313
Special	187

Number of Voting Documents Delivered by Police Officers:

284,339

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAINS PERSONAL INFORMATION IS NOT BEING DISPLAYED ONLINE

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

List indicating the number of voting documents printed, the number distributed, the identity card number, name and address of the persons who to date have claimed delivery thereof, the number of voting documents issued and the identity card number, name and address of the persons to whom such documents have been delivered and the polling booth where such persons are to cast their vote, the number and reasons for voting documents withheld and the identity card number, name and address of the voters concerned, and the number of voting documents which remained uncollected and the identity card number, name and address of the voters concerned

Riferenzi għad-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma tqassmux

A Rapportati mejta
B Ma nstabux fl-indirizz
C Rifjutat għax il-votant imsiefer
D Rifjutat għax id-Dokument għandu ritratt ta' ħaddieħor
E Rifjutat mill-votant stess
F Raġunijiet oħra

References to undelivered Voting Documents

A Reported as deceased
B Not found at the address
C Refused because voter is abroad
D Refused because the Document has another person's image
E Refused by the voter himself
F Other reasons

Is-7 ta' Ġunju, 2024

7th June, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1269

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fis-7 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 32/2024DC, li ġie ppreżentat fid-29 ta' Jannar, 2024, fl-ismijiet: Mangion Francis et vs Zammit Antonia et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti l-kumpens hekk likwidati. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 7th May, 2024, in the records of Constitutional Application number 32/2024DC, which was filed on the 29th January, 2024, in the names: Mangion Francis et vs Zammit Antonia et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent State Advocate to pay the applicants the compensation so liquidated. With costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-3 ta' Ottubru, 2024, fid-9.00 a.m.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 3rd October, 2024, at 9.00 a.m.

Notifika Intimati: Zammit Antonia u Zammit Francis, 9, Triq id-Dejqa, Iż-Żurrieq

Notify Respondents: Zammit Antonia and Zammit Francis, 9, Triq id-Dejqa, Żurrieq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Mejju, 2024

Registry of the Superior Courts, today 29th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1270

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-28 ta' Mejju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 532/2024, ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 28th May, 2024, and upon an application numbered 532/2024, ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid esteru ta' Zoe Frances Pace, fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid biex kunjomha jiġi mibdul minn 'Woodward' għal 'Pace'.

To the Director of the Public Registry so, when he comes to register the foreign Act of Birth of Zoe Frances Pace, in the Public Registry of Malta, make the necessary annotations or corrections in the Act of Birth so that her surname is changed from 'Woodward' to 'Pace'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Monday, 3rd June, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1271

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 287/2024AJD, li ġie ppreżentat fil-15 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet: Quattromani Joseph et vs El Shimi Ibrahim, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-konvenut jirritorna ċ-ċwievet tal-istess post. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar l-20 ta' Ġunju, 2024, fid-9.20 a.m.

Notifika Intimat: 22, Jofgal Court A, Flat 6, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Ġunju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th May, 2024, in the records of Sworn Application number 287/2024AJD, which was filed on the 15th March, 2024, in the names: Quattromani Joseph et vs El Shimi Ibrahim, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Order the defendant to return the keys of the same place. With all costs against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 20th June, 2024, at 9.20 a.m.

Notify Respondent: 22, Jofgal Court A, Flat 6, Triq il-Mazzola, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 5th June, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1272

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Ġunju, 2024, fuq rikors ta' Sciberras Kim (KI 128786M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 17 ta' Lulju, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'numru sbatax (17), Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Saliba Dylan (KI 252693M):

Sufan three-seater u żewġ pultruni ta' kulur iswed, sett tat-television tat-tip LCD tal-marka Panasonic, surround sound system tal-marka Thompson, riċevitur tas-satellita tal-marka Hummax, mejda żgħira tal-ħadid bil-wiċċ tal-ħġieġ, u oġġetti oħra.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 10/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd June, 2024, on the application of Sciberras Kim (ID 128786M), Wednesday, 17th July, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in number seventeen (17), Triq id-Dejqa, Valletta, of the following items seized from the property of Saliba Dylan (ID 252693M):

A three-seater sofa and two armchairs, black in colour, an LCD-type television set of the make Panasonic, a surround sound system of the make Thompson, a satellite receiver of the make Hummax, a small metal table with a glass top, and other objects.

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of file number 10/2024.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 5th June, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603